MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Numru. 363/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent, illum Assistant Kummissarju Neil Harrison)**

**Versus**

**Raymond Magri.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Raymond magri ta' 43 sena iben John u Rosa nee Zammit, imwieled il-Pieta' fl-14 ta' Ġunju 1960 u residenti Block B Flat 5 Old Bakery Street Valletta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 414960 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-6 t'Awwissu 2002 u matul l-aħħar sitt xhur qabel dina d-data:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i, jew għall-persuna/I, mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, u mingħajr ma kien awtorizzat birr-egoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaiana, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew espeotazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtroizzat timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi b'mod ieħor , bil-liċenzja mill-Presdient ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regoli msemmija  u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

ċ) talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Il-Qorti ntalbet biex f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 4159 tal-1960 (fol 3), il-fedina penali tal-imputat (fol.4), il-ħatra tal-Ispiżjar Mario mifsud sabiex jagħmel anaiżi tad-dokument NH1 (fol.6), ir-relazzjoni ta' dan l-espert a fol 13, il-proċess 'L-Ispettur Neil Harrison versus Darren Brincat' (fol 33), l-ordni tal-Avukat Ġenerali a fol.5, it-tieni ħatra ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud sabiex janalizza d-dok NHD, d-dokument MM a fol 88 u l-ordni li tat il-Qorti fit-28 ta' Novembru 2008 sabiex it-tape fejn ngħatat ix-xhieda minn Darren Brincat ma jitħassarx.(Fol.97)

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet is-sottomissjonijiet tad-difiża li huma dattilografati.

Ikkonsidrat

6. Mix-xhieda tal-Assistant Kummissarju jirriżulta li ċertu Darren Brincat kien qal li kien l-imputat li kien qed jissupplixxih bil-kokaina. Saret tfittxija fuq l-imputat u nstab qartas żgħir suspettat kokaina. Saret tfittxija fir-residenza tal-imputat u fil-gradenza tal-kamra tas-sodda nstabet biċċa żgħira raża tal-cannabis.

7. Mir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud irriżulta li s-sustanza elevata minn għand u minn fuq l-imputat kienet tikkonsisti f'0-139 gramma THC u 0.021 gramma ta' kokaina.

8. PC 213 Nicolai Borg, PC 1183 Oliver Borg u PC 23 Stefan Calleja kkonfermaw li kienu nstabu l-affarijiet imsemmija fiż-żewġ paragrafi preċedenti. Fil-confectionery tal-imputat ma kien instab xejn.

9. Fil-proċess 'Il-Pulizija versus Darren Brincat' hemm inkluża stqarrija ta' Darren Brincat li mhix ġuramentata. L-

użu tagħha huwa biss bħala kontroll ta’ x’jgħid dan ix-xhud iżda ma tagħmel ebda prova fil-konfront tal-imputat.

10. Mill-istqarrija tal-imputat jirriżulta li kien jaf lil Raymond minn wiċċu. Huwa qal li l-biċċa raża tal-cannabis li nstabet ġewwa kamartu ma ħasibx li kienet tiegħu għaliex hemm kienu joqogħdu l-ġenituri tiegħu. Dwsar il-kokoaina li nstabet fuqu l-imputat ma weġibx. Huwa qal li kien ilu juża l-kokaina xi sitt xhur. (Fol 56).

11. Darren Brincat xehed fit-2 ta’ Novembru 2005. Huwa qal li kien xtara l-kokaina minn għand tifel samrani ta’ madwar 11-il sena minn fejn il-ħanut tal-imputat.. Huwa kien mar dak in-nhar biss.

12. Hawnhekk il-Prosekuzzjoni ġibdet l-attenzjoni ta’ dan ix-xhud li mhux hekk kien qal fl-istqarrija. Filfatt inqratlu l-istqarrija u x-xhud qal li hu kien qabeż biss il-biċċa dwar it-tifel. (fol.69). Kompla jixhed li kien semma lill-imputat għaliex it-tifel kien qallu li ġab il-kokaina minn għand l-imputat. Ix-xhud qal li huwa ma kienx jaf wiċċ l-imputat b’dawn l-affarijiet. (Fol.70). Il-Qorti ġidet l-attenzjoni tax-xhud li kien qiegħed bil-ġurament. (Fol 72). A fol.73 huwa qal li kien xtara l-kokaina minn għand l-imputat. (Fol.73). Huwa qal li fl-istqarrija kien qal il-verita’ kollha. (Fol.74). Imbagħad qal li dan it-tifel ma jeżistix.

13. Fis-6 ta’ Marzu 2006 is-Supretendent Neil Harrison ippreżenta żewġ siringi u borża żgħira suspettata kokaina li kienu elevate minn fuq Darren Brincat li kien xehed f’dawn il-proċeduri. Filfatt il-pakkett kien kokaina f’ammont ta’ 0.099 grammi.

**Difiża**

14. Darren Brincat xehed li hu kien imur fil-ħanut imsemmi u kien jixtri d-droga minn għand xi nies li kienu jpoġġu fil-ħanut. (fol.102).Meta kienu ġabruh il-Pulizija x-xhud kien imtertaq bid-droga. Huwa qal li tassew kien semma l-persuna li kienet tiġġestixxi l-ħanut (Fol.105). Hawn reġa’ semma t-tifel ta’ 11-il sena. Huwa kien rah ħiereġ mill-bieb u ma ienx ra lit-tifel ikellem lil sid il-ħanut. (fol.107). Minn

għand l-imputat darba kien xtara flixkun ilma. Baqa' jinsisti li minn idejn sid il-ħanut ma kienx ħa droga.

15. Hawn il-Qorti ġibditlu l-attenzjoni għal dak li kien qal qabel li xtara minn għand l-imputat. (Fol. 109). Meta kien infakkar x'kien qal qabel ix-xhud qal li kien għadda ħafna żmien. A fol 112, ix-xzhud qal li kien qed jibża' jgġid il-verita'. A fol 112 huwa qal li kien ta l-flus lit-tifel u ħadha minn idejn it-tifel. Meta kien mistoqsi mill-Qorti, ix-xhud qal ;

*'Xtrajt darba minn għand wieħed naqra twil, goff. Xtrajt minn hemm hekk minn fejn il-ħanut u xtrajt erba' darbiet minn ġol-ħanut minn għand tifel għadu żgħir.*

16. A fol.115 il-Qorti ordnat lix-xhud li jgġħd minn fejn kien xtara d-droga u x-xhud wieġeb li kien xtraha minn għand l-imputat. Għal domanda magħmula mill-Prosekuzzjoni dwar minn għadn min xtara d-droga kokaian dak in-nhar li naqabad biha, ix-xhud inidka lill-imputat. (fol.117). Huwa kkonferma wkoll li kien xtara d-droga minn gġand l-imputat xi sitt darbiet. (Fol.118). Huwa kien ħallas għaliha xi għaxar liri Maltin. Kien imur fil-ħanut tal-imputat, ix-xhud jagħtih il-flus u l-imputat jagħtih id-droga. (Fol. 119). Dwar it-tifel ta' ħdax-il sena, huwa qal li ma kienx jeżisti (fol 120).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

17. L-imputazzjonijiet (b) u (ċ) huma manifestament ippruvati għaliex is-sustanzi misjuba jew fuq l-imputat jew fil-kamra tas-sodda tiegħu kienu kokaina u THC kif jindika r-riżultat forensiku.

18. Ir-riżultat forensiku fuq id-droga li kellu Darren Brincat meta twaqqaf mill-Pulizija jindika d-droga kokaina wkoll.

19. Id-difiża ssottomettiet li Darren Brincat mhux ta' min joqgħod fuqu. Il-Qorti qed tagħmilha ċara li qed tiskarta l-istqarrija ta' dan ix-xhud li tidher fil-proċess li ġie anness.

20. Iżda l-Qorti rat lil dan ix-xhud jixhed. Indunat meta kien qed jivvinta u meta kien qed jgħid il-verita'. Żgur li għamel minn kollox biex lill-imputat ma jinvolvih f'xejn iżda l-verita' ħarġet xorta waħda kif jidher mill-brani li saret referenza għalihom hawn fuq. **Il-verita' hija din: It-tifel ta' ħdax-il sena mhux tassew kien jeżisti u l-imputat xtara d-droga kokaina għal sitt darbiet minn għand l-imputat.**

21. Ix-xhud dan ma qalux darba, iżda darbtejn. Il-Qorti setgħet tarah jixhed fid-diversi okkażjonijiet u setgħet tintebaħ li dan ix-xhud ma riedx joskura lil min kien jissupplixxieh.Ipprova jgħid li għadda ż-żmien jew li l-biċċa tat-tifel kien qabiżha fl-istatement.

22. Iżda meta ntwera li ma kienx qed jgħid il-verita', ix-xhud wieġeb u qal il-verita'.

**23. Il-Qorti m'għandha ebda dubju li l-verita' ħarġet, speċjalment a fol 117 et. Hija** għalhekk ordnat li t-tape jinżamm sabiex min ikollu jiġġudika jkun jista' jisma' t-tape ukoll jekk iħoss il-ħtieġa. Il-fatt li x-xhud kien qed jibża' minn xi vendetta, ma jfissirx li ma qalx il-verita'. Meta ħarġet il-verita', il-verżjoni kienet aktar konvinċenti dwar il-ħtija tal-imputat minn kwalunkwe prova oħra li nġiebet.

**24. Il-Qorti qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni 'l hemm minn kull dubju raġonevoli.**

**Konklużjoni.**

25. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h) u 18 tal-Kap 9 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-kap 101 kif ukoll ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 ssib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda u qed tikkundannah għal tmien xhur priġuenrija u għall-ħlas ta' multa ta' €720 liema multat tista' titħallas b'rati mensili ta' €80 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqas.

Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

26. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti li ppreżentaw żewġ relazzjonijiet li swew €313.56.

27. Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------